Maronia Falzon
5 Diamond

# Id-dar tan-nanna

Hekk kif għamilt l-ewwel pass fuq l-għatba ta' dak il-bieb kaħlani bil-qatriet tan-nida jċarċru minn fuqu, waqaft għal mument biex nieħu nifs fil-fond. L-arja kiesħa tal-imsaġar wara xita qalila ġegħlitni nirrilassa u ħaditni lura fi żmien tfuliti meta kont inżur lin-nanna wara xita qawwija. Issa li kienu għaddew ix-xhur minn meta n-nanna ħallietna, fl-aħħar kelli biżżejjed kuraġġ biex nerġa' nżur dik id-dar. Wara dak il-bieb kien hemm il-memorji kollha f'dik id-dar u kont qed niftaħ triq għalihom kollha.

Meta ftaħt il-bieb, stennejt lin-nanna tiġi tilqagħni iżda din id-darba, ma sibt lil ħadd. Konna jien u d-dar ċkejkna tan-nanna biss. Imxejt lejn il-kċina u l-ewwel oġġett li ġibidli l-attenzjoni kien il-platt iffjurit fin-nofs tal-mejda tal-ikel li n-nanna kienet dejjem tlesti meta mmur inżurha. Kienet timlieh pasti għadhom ħerġin mill-forn wara sigħat ta' preparazzjoni. Wara li komplejt inħares madwar il-kċina, rajt il-forn iswed tuta li kont dejjem inpoġġi quddiemu fix-xitwa kiesħa waqt li n-nanna kienet tkun qed taħmi xi kejk biex b'hekk inħoss is-sħana ħierġa minnu filwaqt li nisma' lin-nanna tirrakkontali xi storja.

Ftakart fil-kamra tan-nanna u tlajt it-taraġ li sa dik il-ġurnata stess, iż-żaqżiq ma' kull pass li tagħmel kien għadu jsaltan. Poġġejt fuq is-sodda bil-friex abjad tas-sajf frisk u ħarist madwar il-kamra. Kollox kien għadu pupilla, u kollox f'postu. It-tbajja' fuq il-pultruna favorita tan-nanna fakkruni kif darba fost l-oħrajn bla ma ridt kont qlibt it-te jaħraq fuqu u hekk kif kont rajt l-ewwel qatra nieżla, ħarist lejn in-nanna u stennejt ċanfira iżda minflok irċevejt tgħanniqa u kienet qaltli li ma ġara xejn. Fuq it-twaletta antika u rustika nnutajt il-ħdejjed li n-nanna kienet tuża biex tinnokkla xagħarha u tagħmel iż-żewg nokkliet li kienu jimmollaw ma' kull pass li tagħmel.

Fl-aħħar mill-aħħar ma kienx jonqos li mmur fil-ġnien li kien il-post fejn kont inqatta' l-aktar ħin meta kont inżur lin-nanna. Hekk kif ftaħt il-bieb li jagħti għall-ġnien irrealizzajt li kienet bdiet nieżla l-borra u ġewni l-memorji ta' meta kont iżgħar fejn jien u n-nanna konna noħorġu barra u nibnu pupi tas-silġ u narmawhom bl-aktar aċċessorji uniċi li stajna naħsbu fihom. Poġġejt fuq bank u qgħadt kwieta għal mument biex napprezza l-memorji kollha li kelli f'din id-dar filwaqt li nosserva kif il-weraq kien qed jiżfen mar-riħ kajman.

Fi triqti lura lejn il-bieb ta' barra, ħassejt piż jerħini minnufih. Dik iż-żjara kellha ssir u ma ddispjaċiniex li mort inżur id-dar tan-nanna għall-aħħar darba qabel ibigħuha!